# L-Emigrazzjoni tas-Sannatin lejn l-Awstralja



Liema kontinent fid-dinja jgħixu fih l-akbar numru ta' nies minn ta' Sannat? Fejn kienu l-ewwel postijiet li għexu u ħadmu dawn l-emigranti Sannatin? Għaliex għażlu li jemigraw lejn post 'fit-tarf tad-dinja'? X'sar minnhom il-mijiet ta' Sannatin li emigraw u għażlu li jsejħu l-Awstralja darhom?

**L-Awstralja "Art li tnixxi l-ħalib u l-għasel"**

Bħalman rajna fl-artikli preċedenti, meta l-gżejjer tagħna saru kolonja Ingliża, l-Għawdxin u l-Maltin kienu saru sudditi Ingliżi fejn kellhom id-dritt li jemigraw fil-pajjiżi kollha li llum jiffurmaw l-komunita ta' pajjiżi li tissejjaħ il-*Commonwealth*. L-Awstralja u New Zealand kienu wħud minn dawn il-pajjiżi.

Fl-1861, l-Istat ta' Queensland, fl-Awstralja kellu bżonn ħafna ħaddiema biex jaħdmu l-għelieqi li jipproduċu z-zokkor, u dawn il-ħaddiema rieduhom li jkunu Maltin u Għawdxin. Għadd ta' Għawdxin u Maltin kienu diġa jinsabu jaħdmu hemm u dawn urew bżulija kbira u għamlu isem tajjeb bħala ħaddiema. L-ewwel gvernatur ta' dan l-istat Sir Harry Barron ħa grazzja ma' l-emigranti Għawdxin u Maltin u ried iżid in-numru tagħhom. Hu kien ħabib ta' Sir Gerald Strickland li kien għamel żmien gvernatur tal-istati ta' Tasmania, Western Australia u New South Wales u li fl-1927 Strickland kien ġie elett Prim Ministru ta' Malta. Dawn it-tnejn flimkien mal-kaptan Henri Curmi, li kien l-ewwel rappreżentant Malti fl-Awstralja ħajjar lil ħafna Maltin u Għawdxin jemigraw lejn l-Awstralja. Dan sar wara dibattitu sħiħ fil-Parlament Malti meta fl-1920, l-ewwel Prim Ministru ta' Malta Joseph Howard kien stqarr:

> *Riċentament, Għawdxi ġie biex ikellimni u talabni sabiex inħallih imur jaħdem l-Awstralja fejn kellu xogħol jistennih.. Bħalissa l-Għawdxi jaħdem minn kmieni filgħodu sad-dlam filgħaxija. Peress li Għawdex hu pajjiżżgħir, l-irġiel m'għandhomx biżżejjed xogħol hemmhekk. Id-dħul tiegħu, meta jkun hemm xi biċċa xogħol, hi ta' żewġ xelini kuljum u l-prezz tal-bizzilla maħduma minn martu u l-bniet tiegħu bilkemm huwa daqs n-nefqa tax-xiri tal-ħjut."*

Dawn il-kummenti tal-Prim Ministru Howard nifmuhom aħjar fil-kuntest ta' li kien qal il-Kaptan Lewis Ritchie fil-ktieb tiegħu, *The Epic of Malta;*

> *L-Għawdxin għandhom karatteristiċI distinti mill-poplu Malti. L-Għawdxin huma iżjed sodi fil-karattru, serji u huma verament bil-għaqal u pijonieri. Huma msejħa l-Iskoċċiżi tal-poplu Malti."*

Dawn id-diskorsi jagħtuna stampa ċara ta' minn x'hiex għaddew l-emigranti Sannatin u l-kumplament ta' l-Għawdxin fl-aħħar żewġ sekli. Dak in-nhar mijiet ta' Għawdxin emigraw biex jaħdmu fl-għelieqi enormi ta' Mossland u Mackay.

## L-Emigrazzjoni Maltija bejn is-Seklu dsatax u għoxrin Awstralja

Fl-1927 Strickland kien elett Prim Ministru ta' Malta u kien hu li laħħaq fl-1929 lill-Kaptan Henry Curmi bħala l-ewwel rappreżentant ta' Malta fl-Awstralja, l-art li kellha futur għal dawk li kellhom il-ħsieb li jemigraw.

Wara l-1921, l-Għawdxin u l-Maltin kienu qed jemigraw l-aktar lejn l-Awstralja milli lejn l-artijiet oħrajn u sal-1926 kien hemm madwar 2000 Għawdxi u Malti li kienu jgħixu hemm l-aktar fi Queensland. Fl-1944 Captain Curmi mar Malta biex jippjana l-mod ta' kif ammont akbar ta' nies setgħu jemigraw lejn l-Awstralja. F'din l-istess sena, il-Prim Ministru Awstraljan, Mr. John Curtin, esprima x-xewqa tiegħu li jrid aktar Maltin biex jemigraw lejn dan il-pajjiż.

Fl-1948 ġie iffirmat l-*Assisted Passage Agreement* bejn Malta u l-Awstralja li permezz tiegħu naqqas ħafna problemi finanzjarji għall-emgranti prospettivi billi ipprovdielhom passaġġ b'xejn jew issussidjat. Min-naħħa ta' Malta, it-transport bil-vapur lejn l-Awstralja kien regolari u fis-snin ta' wara l-emigranti bdew jivjaġġaw ukoll bl-ajruplan.

Fl-1953 l-Arċisqof ta' Malta, Mgr. Michael Gonzi, mar għall-vista fl-Awstralja. Sa dak in-nhar in-numru ta' l-emigranti Għawdxin u Maltin lejn dan il-pajjiż, kien tant, li fis-sena ta' wara intlaħaq ir-rekord ta' 8470 emigrant lejn l-Awstralja.

Fl-1956, l-aktar Prim Ministru famużta' l-Awstralja, Mr. Robert Menzies, mar Malta u faħħar l-eluf ta' Maltin u Għawdxin li kienu jgħixu fl-Awstralja. Huwa qal li kien ferħan ħafna bihom u għamilha ċara li l-Awstralja għandha bżonn aktar irġiel u nisa Għawdxin u Maltin. Bejn l-1946 u l-1974 l-Għawdxin u l-Maltin li kienu telqu lejn l-Awstralja kienu jammontaw għal 137,205. Dawn kienu jinsabu l-aktar f' Victoria, NSW u Queensland, u f'ammonti żgħar fin-nofs in-nhar u fil-Punent ta' l-Awstralja.

Mill-aħħar tas-sebgħinijiet 'il quddiem l-emigrazzjoni inġenerali bdiet tonqos sa kemm fl-aħħar kważi spiċċat għal kollox, pero' l-emigrazzjoni minn Għawdex kompliet. Il-preżenza tad-dixxendenti Għawdxin u Maltin fl-Awstralja tiżgura li r-rabta ta' bejn Malta u l-Awstralja tibqa għal dejjem. Irġiel minn ta' Sannat li marru Queensland ma' baqgħux hemm, dawn ġew lura Għawdex bil-flus li akkomulaw jew inkella marru jgħixu fil-bliet kbar ta' Melbourne u Sydney. Mill-banda l-oħra l-biċċa l-kbira ta' dawk mir-raħal ta' Sannat li emigraw wara l-gwerra fil-maġġor parti tagħhom żaru ta' Sannat b'mod regolari u ħafna wkoll ġew lura u bnew darhom b'ħafna minnhom b'simboli ta' l-Awstralja ma kullimkien.



## In-New Zealand u l-gżejjer tal-Paċifiku

F'dawn il-gżejjer ftit insibu nies minn ta' Sannat li jgħixu hemm, pero' fil-bidu tas-seklu li għadda kien hemm numru żgħir li marru jaħdmu hemm, pero' ħafna rritornaw l-Awstralja jew lura ta' Sannat.

## Minn ta' Sannat fost il-pijunieri fl-Awstralja

Ġeografikament, l-art imbiegħda ta' l-Awstralja suppost kienet l-aħħar art li setgħet tirċievi lill-emigranti Għawdxin u Maltin. Imma ġara bil-maqlub, imkien daqs l-Awstralja ma hemm minn ta' Sannat, Għawdxin u Maltin. Meta wieħed jifli l-arkivji Nazzjonali tal-passaporti sew fil-Kummissjoni Għolja Maltija f'Kanberra kif ukoll fiċ-Ċentu Nazzjonali ta' l-Arkivji fl-Imdina jinduna li madwar tlett elef persuna Sannatija marret l-Awstralja matul is-seklu li għadda. Dan in-numri jinkludi lit-tfal tagħhom li llum għandhom ċittadinanza Maltija u lit-tfal tat-tfal tagħhom, numru ferm aktar minn ta' Sannat stess li f' Marzu ta' din is-sena (2006) l-popolazzjoni kienet tlaħħaq 2059.

Fl-1991 kien hemm mal-57,778 persuna Maltija u Għawdxija fl-Awstralja li t-twelid tagħhom kien irreġistrat f'Malta. Skond il-gazzetta li kienet titkellem fuq Melbourne *"Il-Maltija"* ta' l-1 ta' Ottubru 1991, fl-Awstralja kien hemm mal-119,504 persuna li kienu ta' oriġni etnika Maltija.

## Sannatin fl-Awstralja ta' llum

Illum insibu 1807 persuni minn ta' Sannat li jgħixu madwar l-Awstralja kollha, ċifra ftit anqas minn dik tal-popolazzjoni ta' Sannat fil-preżent f'Għawdex.

Il-popolazzjoni ta' Sannat fl-Awstralja llum tinsab mifruxa mal-kontinent kollu pero' l-maġġoranza tagħhom jinsabu jgħixu fil-Belt ta' Melbourne. Għalkemm l-ewwel ġenerazzjoni li emigraw, ħadmu fl-għelieqi ta' Queensland, it-tfal tagħhom illum jaħdmu fil-fabbriki u z-zoni industrijali. Illum it-tfal tat-tfal jatttendu l-Universitajiet, partikularment l-Universita' ta' Victoria ġewwa Melbourne fejn insibu bosta żgħażagħ minn ta' Sannat li huma professjonisti u nies bi snajja kbar.

U bix-xieraq insibu wkoll St Margaret Social Club fl-Awstralja li ġiet imwaqqfa fl-1988 u li tinsab fis-subborg ta' St Albans. Il-Klabb sa mit-twaqqif tiegħu ħadem biex jgħaqqad lis-Sannatin fl-Awstralja u jiċċelebra l-festa tal-Partruna tas-Sannatin, Santa Margerita V.M. B'hekk is-Sannatin fl-Awstralja jżommu u jgħożżu dak li jagħmilhom Sannatin u jgħallmuh lit-tfal tagħhom sabiex l-identita' tibqa' minn ġenerazzjoni għall-oħra.

**Referenzi**


Attard, L.E. (1983) Man and Means Early Maltese Emigration 1900-1914, Gulf Publications: Valletta

Attard, L.E. (1989) Man and Means The Exodus PEG: Malta

Attard, L.E. (1997) Man and Means The Safety Value A History of Maltese Emigration from 1964 PEG: Malta

Cauchi, M.N. (1998) A Picture of Gozo Studies on Ethnographic, Educational and Health Aspects of Life in Gozo Gozo Press: Gozo

Cauchi, M.N. (1999) Maltese-Migrant Experience Gozo Press: Gozo

Dibattiti Parlamentari ta' l-1920

Il-Popolazzjoni Stmata għal kull Lokalita', Il-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, it-30 t'April, 2004, paġna 2995

Xerri, R.C. (1996) Directory of Ships and Aircraf carrying Maltese andGozitan Migrants to Australia (15th June, 1934 through 30th December, 1964) Europe-Australia Institute, Victoria University, Melbourne

Xerri, R.C. (2000) Directory of Ships and Aircraf carrying Maltese andGozitan Migrants to Australia (1st January, 1965 through 1st January, 1995) Europe-Australia Institute, Victoria University, Melbourne

Xerri, R.C. (2002) Gozo in the World and the World in Gozo, The Cultural impace of migration and return migration on an island community, Victoria University, Melbourne (Thesis)

Xerri, R.C. (2005) Gozitan Crossings, Gozo and the Gozitans Series No.1 A&M Printing Ltd, Qala

Xerri, R.C. (2005) A Decade of Australian-Qala Association 1995-2005, Gozo and the Gozitans Series No.2 A&M Printing Ltd, Qala



**Dr. Raymond C. Xerri**

B.A. (Hons.)(U.S.A.), E.U.Sch.(E.U.Law)(F.R.G.), D.D.S., M.A(Dip.St)(Malta),L.F.I.B.A.(U.K.),D.G.(U.S.A.),P.hD(Australia)